A.L. 83 ta' l-1981

ATT TA' L-1956 DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRJI TAL-BIEDJA U TAS-SAJD

(ATT NRU. II TA' L-1956)

Arranġamenti biex jipprovdu Għajnuna Finanzjarja

L-arranġamenti li ġejjin magħmula bis-saħħa ta' l-artikolu 3(1) ta' l-Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industrji tal-Biedja u tas-Sajd (hawnhekk aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att), qed jiġu avżati għat-tagħrif ġenerali.

1. (1) Id-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd, rappreżentant ta' l-Avukat Ġenerali, rappreżentant tas-Segretarju, Ministeru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarja tal-Poplu, il-*Manager* jew l-Assistent *Manager* ta' l-Impriża tal-Ħalib u Assistent Kap fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd għandhom jiffurmaw Kummissjoni biex tikkonsidra applikazzjonijiet għal għajnuna finanzjarja skond l-Att.

(2) Id-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd għandu jkun iċ-*Chairman* tal-Kummissjoni u għandu jinnomina uffiċjal mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura biex jagħmilha ta' Segretarju tal-Kummissjoni.

2. Applikazzjonijiet għal għajnuna finanzjarja skond l-Att għandhom isiru fuq formula approvata mill-Kummissjoni li għandha tintbagħat lis-Segretarju tal-Kummissjoni fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

3. Ċittadini ta' Malta biss li jirrisjedu permanentement f'Malta jistgħu japplikaw għal għajnuna skond l-Att.

4. Dawk li japplikaw għal għajnuna finanzjarja għandhom jagħtu lill-Kummissjoni kull informazzjoni u provi kif il-Kummissjoni tista' titlob biex tikkonsidra l-applikazzjoni.

5. Għajnuna finanzjarja skond l-Att għandha tingħata biss fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura u Sajd jew ta' uffiċjal nominat minnu għal hekk.

6. Kull ftehim dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja skond l-Att għandu jsir permezz ta' kitba privata jew permezz ta' att nutarili, kif ikun meħtieġ, u għandu jsir f'isem il-Gvern ta' Malta mid-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd, jew minn uffiċjal ta' mhux inqas mill-grad ta' Assistent Kap fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura delegat mid-Direttur biex jaġixxi minfloku.

7. Għajnuna finanzjarja skond dan l-Att tista' tingħata suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet, ftehim u obbligi mposti fuq jew li huma responsabbilità ta' min jirċeviha skond kif tista' tagħti parir il-Kummissjoni. Dawn il-kondizzjonijiet u l-obbligi għandhom jinkludu r-responsabbiltà fuq ta' min jirċievi l-għajnuna —

(a) li jħallas lura kull self flimkien ma' l-imgħax fuqu skond il-pattijiet tal-ftehim;

(b) li la jbiegħ lanqas ma jiddisponi b'xi mod mill-proprjetà li tkun fil-pussess jew il-pussess ta' kull ħaġa miksuba jew imtejba permezz ta' l-għajnuna ta' għoti jew self mingħajr il-kunsens minn qabel bil-miktub tal-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura u Sajd qabel ma s-self ikun tħallas lura għal kollox jew, fil-każ ta' għotja matul dak iż-żmien li jkun preskritt fil-ftehim;

(ċ) li jżomm kwalunkwe ħaġa mixtrija jew imtejba permezz ta' l-għajnuna finanzjarja li tkun ingħatat, fl-ordni proprju u l-kundizzjoni għas-sodisfazzjon tal-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura u Sajd, u li jippermetti kull persuna awtorizzata mill-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura u Sajd li tispezzjona kull ħaġa bħal din fil-ħinijiet kollha raġonevoli;

(d) f'każ li wieħed li jirċievi jonqos li jimxi skond xi wieħed mill-pattijiet tal-ftehim mal-Gvern li jkun daħal fih huwa għal dik li hija għajnuna finanzjarja li tkun ingħatat, l-ammont totali ta' din l-għajnuna tkun trid titħallas lura lill-Gvern minnufih.

8. Is-self li jsir taħt dawn l-arranġamenti għandu jitħallas lura kif ġej:

Sa £1,000 fi żmien massimu ta' 5 snin.

'il fuq minn £1,000 sa £3,000 fi żmien massimu ta' 7 snin.

'il fuq minn £3,000 u sa £5,000 fi żmien massimu ta' 10 snin.

'il fuq minn £5,000 u sa £10,000 fi żmien massimu ta' 15-il sena.

'il fuq minn £100,000 fi żmien massimu ta' 20 sena.

9. Ir-rata ta' l-imgħax li titħallas fuq self mogħti taħt il-kondizzjonijiet ta' dawn l-arranġamenti, għandha tkun b'rati fis-sena ta' mhux inqas minn tlieta fil-mija u mhux iktar mir-rata ta' imgħax kummerċjali li tkun għal dak iż-żmien fis-seħħ.

10. Dan l-Avviż jissostitwixxi kull arranġamenti oħra li saru qabel.